MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 21/2004

Peter Paul u Lucy konjugi Falzon

Vs

Carmelo Aquilina

Il-Qorti;

Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni ta' responsabbilta', likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti wara li jallegaw li fil-5 ta' April 2002 ghal habta tat-8.37 p.m. fid-dar tal-atturi (Falzon House, Racecourse Street, Nadur, Ghawdex), l-attrici kienet aggredita u msawwta mill-konvenut b'hadida u daqqiet ta' ponn. Isostnu wkoll li f'dan l-incident sofriet griehi f'wiccha u rasha u griehi ta' natura permanenti.

Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fil-5 ta' April 2004 (fol. 11) il-konvenut isostni li:-

1. L-incident kien provokat mill-atturi u l-konvenut kien qieghed jiddefendi lilu nnifsu.
2. Il-konvenut ma dahalx fid-dar tal-atturi u lanqas ma wza xi arma (pipe tal-hadid), u kull ma ghamel kien li jipprova jilqa' ghall-attakk li sar fuqu mill-atturi Peter Paul u Lucy Falzon.
3. L-attrici ma sofriet l-ebda debilita' permanenti. Hi kienet diga' ssofri minn dizabilita' qabel l-incident in kwistjoni u qeghda biss tipprova tinqeda b'dan l-incident sabiex turi li sofriet debilita' permanenti.

Rat ir-rapport tal-perit mediku Dr. David Cassar (fol. 106).

Rat l-atti kollha tal-kawza nkluzu in-noti ta' sottomissjonijiet li pprezentaw il-partijiet.
Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Gunju 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat:-

1. Il-kawza tittratta talba ghad-danni li l-attrici qeghda tghid li sofriet f'incident li sehh fil-5 ta' April 2002 meta tallega li giet aggredita u msawwta mill-konvenut gewwa d-dar taghha bl-isem Falzon House, Racecourse Street, Nadur, Ghawdex. Il-konvenut isostni li hu kien provokat mill-atturi u kien iddefenda lilu nnifsu mill-aggressjoni ta' l-atturi.

2. L-ezitu tal-kawza tiddependi minn apprezzament tal-provi. Il-konvenut spjega li ma' l-attrici ma kellu l-ebda argument. Kien zewgha li nsolentah meta qallu "ghami". Spjega wkoll kif kien tilef il-vista minn ghajn wahda f'incident li kellu waqt li kien qieghed jipprattika d-delizzju tal-kacca. Ikkonferma wkoll li *"Kif qalli dawn il-kliem jiena rrabjajt, **I saw red, u stedintu biex jigi jghidli f'wicci.** L-attur sabbat il-bieb u dahal il gewwa. Wara harget l-attrici, nizlet it-tarag. Kienet qisha tidher ma tiflahx, u gibditni minn idejja ghal hdejn il-post tieghi."* (enfazi tal-qorti - fol. 78). Irrakkonta wkoll kif l-attur rega' hareg mid-dar u

ghamel sinjal oxxenn fid-direzzjoni tal-konvenut; *"Bdejt nghidilha biex issikktu ghaliex jiena naf illi l-attrici ghandha kontroll fuq zewgha. Meta ghidtilha dawn il-kliem hi qabdet tidhak. Kullhadd imbaghad telaq ghal triqtu."* (fol. 78). Din il-verzjoni hi differenti minn dik li nghatat lill-pulizija li nvestiga l-kaz, fis-sens li dakinhar kien qal li l-attrici kienet imbuttatu; *"Then Aquilina told the Police that at this moment he went into Falzon's residence (passag) and there was Falzon's wife Lucy and* ***she pushed him outside*** *and then he left Falzon's residence."* (fol. 6). Meta xehed (seduta tal-24 ta' Mejju 2007 – fol. 77), il-konvenut insista li hadd mill-kontendenti ma refa' jdejh fuq xulxin. Inoltre, fl-okkorrenza tal-pulizija li nvestiga l-kaz jinghad li l-konvenut qal li kien dahal fil-proprjeta' ta' l-atturi, mentri in kontro-ezami qal li ma dahalx (fol. 79). Is-surgent 1424 Mario Sciberras investiga l-kaz u spjega kif: *"Fil-hamsa (5) ta' April tas-sena elfejn u tnejn (2002) ghal habta tat-tmienja u kwart ta' filghaxija (8.15 p.m) Lucy Falzon cemplet l-ghassa tal-pulizija r-Rabat u ghamlet complaint illi certu wiehed Carmelo Aquilina kien habat ghaliha..... Mill-ghassa tal-pulizija tar-Rabat bqajt sejjer l-ghassa tal-pulizija n-Nadur...... Minn hemmhekk bqajt sejjer ir-residenza ta' Falzon u* ***kif dhalt sibt lill-attrici tibki fuq is-sufan td-dar.****"* (fol. 65). Il-verzjoni li ta l-konvenut ma taqbilx ma dak li ddikjara fin-nota ta' l-eccezzjonijiet (fol. 11). F'dak l-istadju kien qieghed isostni li kienu l-atturi li aggredew u *"...l-konvenut* ***iddefenda biss lilu nnifsu mill-aggressjoni ta' l-atturi.****"*. Eccezzjoni li taghti x'tifhem li l-konvenut ireagixxa sabiex jiddefendi lilu nnifsu. Tant hu hekk li jinghad ukoll li hu *"...ipprova jilqa' ghall-attakk li saru fuqu mill-atturi Peter Paul u Lucy Falzon."*.

Il-qorti ma tqiesx ix-xenarju li pprova jpingi l-konvenut bhala kredibbli u wara li kellha l-opportunita' li tisma' lill-attrici u lill-konvenut jaghtu x-xiehda *viva voce*, tqies li fuq bazi ta' probabilita' l-attrici verament giet imsawwta mill-konvenut. Mill-provi lanqas ma rrizulta li l-attrici kellha xi incidenti ohra f'dik l-istess epoka li fihom setghet sofriet griehi f'wiccha. It-tabib Dr John Xuereb Dingli[1] spjega li

[1] Seduta tas-7 ta' Frar 2007 (fol. 36).

kien ra lill-attrici jumejn wara l-incident u kkonferma li kellha tbengil f'wiccha. L-attrici pprezentat ukoll ritratt li ttiehed fis-6 ta' April 2002 (fol. 31) fejn tidher tbengila taht ghajnejha. Inoltre, il-qorti ma tqiesx li mill-provi l-konvenut ressaq xi provi biex jiggustifika d-difiza ta' *legittima difesa*. Din il-qorti kif preseduta diga' kellha okkazzjoni li tikkunsidra din id-difiza fil-kawza **John Baptist Spiteri vs Michael Calleja** deciza fit-18 ta' April 2007 u taghmel ampja riferenza ghaliha. Rilevanti wkoll hi s-sentenza ricenti tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Anthony Caruana vs William Cock** deciza fl-20 ta' Ottubru 2008. F'din it-tip ta' difiza punt kardinali hu li: *"ir-reazzjoni b'legittima difesa trid tkun proporzjonali ghall-aggressjoni subita ghaliex jekk wiehed imur oltre dak li hu strettament mehtieg ikun hemm l-eccess ta' legittima difeza"*. L-attrici qalet li mbuttat lill-konvenut biex jitlaq 'il barra mill-proprjeta' taghhom. Madankollu dan ma kienx jiggustifikah li jirreagixxi billi jsawwatha.

3. Ghal dak li huma danni, il-perit mediku Dr David Cassar rrelata li[2]:

a. L-attrici kienet ilha *"ghal tal-inqas tmien snin qabel l-allegat incident ta' April 2002 tbaghti minn kundizzjoni ta' anzjeta u depressjoni."*.

b. Fl-2000 kienet ghamlet zmien rikoverata fis-sezzjoni psikjatrika ta' l-isptar ta' Ghawdex.

c. Il-kundizzjoni kienet relatata ma' problemi fil-familja.

d. L-incident de quo halla trawma fuq l-attrici; *".....hu kkunsidrat illi Lucy Falzon qeghda tbaghti minn kundizzjoni kronika ta' anzjeta u depressjoni b'element konsiderevoli ta' dizabilita. Din il-kundizzjoni giet affetwata wkoll minn l-allegat reat. L-ammont ta' attribut ta' l-allegat reat huwa meqjus livell ta hamsa fil-mija (5%) skond valuri internazzjonali ta' dizabilita."*.

Xehed ukoll il-psikjatra Dr Anton Grech li kkonferma[3] li minn Marzu 2000 l-attrici kienet qeghda taht il-kura tieghu. Ikkonferma li dan l-incident kellu mpatt negattiv fuq il-hajja

[2] Fol. 106.
[3] Seduta tas-7 ta' Frar 2007 (fol. 39-48).

ta' l-attrici, ghalkemm kellha problemi familjari. Skond certifikat mediku datat 30 ta' Jannar 2003 (fol. 35) ix-xhud iccertifika li l-attrici qeghda tbaghti minn debilita' permanenti ta' ghaxra fil-mija (10%). Spjega wkoll li dan il-persentagg m'huwiex jirreferi ghall-impatt li l-incident in kwistjoni halla fuq l-attrici, izda hi rata' ta' debilita' generali b'effett tad-dipressjoni li l-attrici ilha s-snin tbati minnha. F'tali cirkostanzi certament li m'huwiex floku li l-qorti tistrieh fuq ir-rata ta' debilita'.

Ghalkemm hu evidenti li l-attrici ilha snin tbati minn dipressjoni, dan il-fattur ma jistax iwassal biex il-qorti tiskarta l-fehma tal-perit gudizzjarju li l-incident in kwistjoni kellu effett negattiv fuq il-hajja ta' kuljum ta' l-attrici. Il-konvenut jilmenta li l-perit mediku bbaza l-konkluzjonijiet fuq dak li qaltlu l-attrici. Il-qorti m'ghandix ghalfejn tiddubita dwar il-mod kif il-perit mediku, li ghandu snin twal ta' esperjenza fil-qasam tal-psikjatrija, wettaq l-inkarigu tieghu. Il-fatt li l-impatt negattiv ta' dan l-incident kien fuq il-psike tal-attrici, ma jfissirx li m'ghandix dritt ghall-hlas ta' kumpens. F'dan il-kuntest issir riferenza ghall-kawza **Peter Sultana vs Anthony Abela Caruana** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Jannar 2002: *"Is-suggeriment ta' l-appellant donnu jimplika li d-danni minn debilta' fizika attwali ma kienux, jew ma setghux jinkludu wkoll danni rizultanti minn debilita' psikika provokata mill-incident, ghaliex dan ma kienx facilment verifikabbli u seta' johloq sitwazzjonijiet li jaghtu lok ghal reklami fittizji u immaginarji. Din il-Qorti naturalment ma tistax taqbel ma' sottomissjoni ta' din ix-xorta. Filwaqt li tirrikonoxxi d-diffikulta' tal-prova f'dan il-kamp, hi certament ma tistax teskludi illi jezistu sitwazzjonijiet fejn il-hsara provokata minn incident, anke stradali, ma tkunx daqstant fizika daqs kemm psisikika. Tqis inoltre li filwaqt li jista' jkun li jkun hemm hsara fizika li ma tkunx ta' natura permanenti, mhux eskluz li tali hsara setghet tipprovoka debilita' psikologika permanenti li tista' wkoll tkun kwantifikata f'telf ta' qliegh futur. Bizzejjed jitqies il-kaz ta' tfajla li ssofri sfregju f'wiccha li jkun biz-zmien rimedjabbli, imma li jaffettwalha permanentement l-psike taghha."*.

Fir-rigward tad-*damnum emergens*, il-qorti ser takkorda biss is-somma ta' **mitejn u tmienja u tletin euro (€238)**, cjoe' hlas ghar-rapport tal-pulizija, spejjez relatati mal-visti li saru ghand it-tabib Dr. John Xuereb Dingli (fol. 87) u spejjez relatati mat-tiswija li saret fil-bieb (fol. 71 u 72). Dwar spejjez ohra ma tressqux provi sodisfacenti[4].

Il-fatt li l-attrici ma tahdimx ma jfissirx li ma tistax issir likwidazzjoni ta' danni. Jirrizulta li l-attrici hi mara tad-dar. Skond l-attrici l-ahhar darba li kienet impjegat kien f'Awwissu 2001 (fol. 51). Il-qorti m'hijiex konvinta li l-fatt li l-attrici ma kellix impjieg iehor hu b'xi mod attribwibbli ghal dan l-incident. Madankollu xorta ghandha l-jedd ghad-danni[5]. Kuntrarjament ghal dak li jsostnu l-atturi, mill-provi ma rrizultax li l-effett li halla dan l-incident fuq l-attrici halla wkoll konsegwenzi fuq il-kapacita' lavorattiva ta' l-attrici. Fic-cirkostanzi l-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq il-paga minima nazzjonali. L-attrici twieldet fit-28 ta' Mejju 1951[6]. Il-qorti ser tapplika *multiplier* ta' disgha (9) snin u ser tnaqqas 10% mill-ammont li jigi likwidat[7]:-

**€6,223[8] x 9 x 5% – 8% = €2,576.**

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talbiet ta' l-atturi u filwaqt li tillikwida d-danni fis-somma ta' **elfejn tmien mija u erbatax-il euro (€2,814)** tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi din is-somma. Bl-imghax mil-lum.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

---

4 F'dan il-kuntest ara n-nota prezentata fit-8 ta' Gunju 2007 (fol. 84).

5 Ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **George Borg et nomine vs Anthony Borg et** deciza fl-20 ta' Ottubru 2008; *"llum huwa generalment rikonoxxut li kull dizabilità, anke jekk fl-apparenza ma ghandha ebda effetti fuq il-kapacità lavorattiva ta' dak li jkun, xorta wahda hemm dritt ta' kumpens billi qatt ma jista' jigi eskluz l-effett dirett jew indirett fuq tali potenzjal."*.

6 Fol. 35.

7 *Lump sum deduction* mehud in konsiderazzjoni li l-attrici pprezentat il-kawza fit-2 ta' Marzu 2004.

8 Ara *National Minimum Wage National Standard Order* (L.S. 452.71). Ghas-sena 2002 paga minima kienet ta' €119.68 fil-gimgha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------